# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-1 ta' Marzu, 2017.**

**Rikors Numru 8/2016 SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs.**

**Ta' Qali Producers' Group**
**(Frott u Hxejjex)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat is-6 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` intimata permezz ta' tliet (3) skritturi privati, (ara foll 4, 8 u 14);

1.2. Illi hi kreditrici tas-socjeta` intimata fl-ammont ta' wiehed u sebghin elf, tmin mija u hames euro u sebgha u ghoxrin centezmu, (€71,805.27), bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* li l-istess socjeta` intimata ghandha mas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 21 *et sequitur*), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 t'Awwissu, 2015, sad-data tal-effettiv pagament;

1.3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet indikati fl-iskritturi privati fuq riferiti, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel u paragrafu numru tlieta, (3.), a foll 1);

1.4. Illi *nonostante* li s-socjeta` intimata giet debitament interpellata biex thallas l-ammont surriferit, (ara foll 37), baqghet inadempjenti;

1.5. Illi ghalhekk kienet kostretta tadixxi din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq riferiti kif elenkat fl-istess talba kontenuta fir-rikors guramentat promotur, (ara paragrafu numru wiehed (1.) a foll 2), liema grajjiet jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu lis-socjeta` rikorrenti;

1.5.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont fuq indikat ta' €71,805.27, bilanc fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* tas-socjeta` rikorrenti, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 t'Awwissu, 2015, sad-data tal-effettiv pagament;

1.5.3. Bl-ispejjez kif mitluba fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2);

2. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti, ordnat il-korrezzjoni mitluba, (ara foll 74);

3. Rat ukoll il-verbal tal-istess abbli rapprezentati legali riferita fil-paragrafu precedenti fejn fl-istess udjenza irrilevat li s-socjeta` intimata qeghda fi stat ta' kontumacia, (ara foll 74);

4. Rat id-digriet taghha datat is-27 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu, wara rikors appozitu tas-socjeta` rikorrenti datat l-14 t'Ottubru, 2016, isem is-socjeta` intimata rega' gie korrett kif hemm indikat, (ara foll 76 u 77);

5.0. Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu:

5.1. Awtorizzat lis-socjeta` rikorrenti tipprezenta n-nota minnha hemm mitluba, (ara foll 102); u

5.2. Awtorizzat lis-socjeta` intimata kontumaci biex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub sad-data hemm indikata, (ara foll 103);

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti, flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata *in atti*;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu sintetikament jigu elenkati bil-mod segwenti:

7.1. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni li s-socjeta` intimata kissret il-kondizzjonijiet kontenuti fl-iskritturi privati konkluzi bejn il-partijiet, li permezz taghhom is-socjeta` rikorrenti ikkoncediet il-facilitajiet bankarji hemm indikati, (ara foll 4, 8 u 14);

7.2. Illi s-socjeta` intimata naqset li tottempora ruhha mal-kondizzjonijiet hemm pattwiti;

7.3. Illi ghalkemm interpellata mis-socjeta` rikorrenti biex thallas l-ammont globali minnha dovuti, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

7.4. Illi ghalkemm debitament notifikata permezz tal-pubblikazzjoni, s-socjeta` intimata baqghet kontumaci, (ara foll 68);

7.5. Illi ghalkemm ukoll inghatat l-opportunita` *ai termini* tal-artiklu 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex anke f'dan l-istadju tardiv, xorta tipprezenta sottomissjonijiet skritti fir-rigward, is-socjeta` intimata xorta wahda naqset li tintervjeni;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti ipprovat it-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti:

**DECIDE:**

8.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq riferiti, partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` intimata:

8.1.1. Naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi;

8.1.2. Kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess skritturi; u/jew

8.1.3. Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta` intimata li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possiblita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti;

8.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' wiehed u sebghin elf, tmien mija u hames euro u seba' u ghoxrin centezmu, (€71,805.27), bilanc ghad-debitu fuq riferit, flimkien ma' l-imghax ulterjuri dovut mill-21 t'Awwissu, 2015, sad-data tal-effettiv pagament;

8.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` intimata.

_________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**